MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## MARIA KARLSSON

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 3/2010

**Aquatess Marketing Limited (C-33435)**
**vs**
**Teddy Ellis**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' elf mija, wiehed u tletin ewro u disgha u sebghin ewro centezmu (€1131.79) jew somma verjuri rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkunsinjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez, bl-imghax bit-8% fuq €1131.79 mill-prezentata ta' dan l-avizz sal-hlas effettiv u nkluz tlieta u ghoxrin ewro u tlettin ewro centemzu (€23.30) konsulta kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax ir-risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fid-9 ta’ Marzu, 2010 mill-Avukat Renato Cefai u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------